# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

( Spettur Charlotte Curmi )

Vs

Kevin Bartolo

5608/22

Illum, 6 ta' Marzu 2023

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba  kontra Kevin Bartolo ID 79076 M iben Saviour u Helen nee Borg mwieled fil-12/12/1975 u joqghod 4 Ricky Triq Mons Alfred Mifsud Birkirkara akkuzat talli fid-19 ta' Settembru 2021 ghall-habta ta' 12.00 hrs u fix-xhur ta' qabel fi Triq Sant Andrija San Giljan u gewwa dawn il-gzejjer soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni HBX 496;

1. U aktar bhala persuna li ftehimt li tbiegh jew kont bieghet jew xort' ohra nehhejt jew trasferejt lil persuna ohra l-imsemmija vettura inqast li taghti avviz bil-miktub fiz-zmien sebat' ijiem lil-

Awtorita ghat-trasport f'Malta fejn tinkludi l-isem u l-indirizz tal- persuna li tixtri jew ftehmt li tixtri l-imsemmija vettura kif ukoll taghti lil Awtorita c-certifikat tar-registrazzjoni relattiv tal-vettura;

2. U aktar bhal sid-tal-vettura inqast li tinforma minnufih lill-Awtorita tat-trasport f'Malta bi bdil fl-isem u fil-kunjom u fl-indirizz ta' residenza u/jew inqast li tghaddi c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura biex isir it-tibdil mehtieg fih.
3. U talli bhala sid jew xufier ta'l-imsemmija vettura bil-mutur inqast li tara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja ta' cirkolazzjoni mahrug mill- Awtoritajiet ghat-Trasport f'Malta
4. U aktar talli kellek vettura bil-mutur fit-triq , kemm ipparkjata , kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Awtorita ghat-trasport f'Malta u nqast li ggeddida kull sena
5. U aktar talli ippermettejt li b'nuqqas ta hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Christian Griscti.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwallifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba li fi kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mil-LS 65.18 art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda.

Rat l-LS 368.02 reg 27,11,14(3), 13(2) Kap 9 Art 328(d) LS 65.18 art 36B , LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni;

Rat li Christian Griscti ma xehdx stante li kien presenti fl-awla waqt ix-xhieda tax-xhieda l-ohra prodotti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx;

Rat l-atti kollha tal-kas u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Gie ezebit **Dok A** mill-prosekluzzjoni Affidavit ta' Transport Malta rigwardanti li l-vettura HBX496 kienet registrata fuq Kevin Bartolo ID 79076 (M) ghan nom ta ' Kevin Bartolo Autodealer u kienet ilha hekk irregistrata mill-15 ta` Jannar 2021. Il-Licenzja ta' din il-vettura skadiet fil-31 ta' Awissu 2019.

**Mario Camilleri** xehed fis-6 ta' Marzu 2023 li exebixxa Dok B Certifikat ta' Registrazzjoni tal-vettura HBX 496 u xehed kif xtara l-vettura HBX 496 minghand Josef Debattista u t-transfer ma setghax isir ghax kien jonqos VRT. Lill-Imputat jafhu bhala Dealer tal-karozzi. Spjega ic-cirkostanzi tax-xiri tal-vettura .

**Josef Debattista** xehed fis-6 ta' Marzu 2023 li xehed dwar it-tpartit ta' vetturi li sar bejnu u Mario Camilleri. Hu qatt ma xtara xejn minghand l-imputat. Kien jahdem mieghu.

**Natalino Agius** xehed fis-6 ta' Marzu 2023 fejn xehed dwar Dok NA Motor Vehicle Assessment Report regwardanti l-vettura DCP 463.

**Christian Griscti** ma xehdx stante li kien presenti fl-awla waqt ix-xhieda l-ohra prodotti mill-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat.**

Illi mix-xhieda prodotta kien hemm kontradizzjoni kbira dwar meta u kif u jekk giedx trasferita l-vettura HBX 496. Stante dan ma irrizultawx l-ewwel, it-tieni , it-tielet u r-raba' akkuza . Rigwardanti il-

hames akkuza ma hemmx  provi li sehhew d-danni  a dannu ta' Christian Griscti minn Kevin Bartolo.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi kollha ma issibx lil Kevin Bartolo hati ta ' l-ebda wahda mil-imputazzjonjiet u qieghda konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**